

Brussell, 12 ta' Mejju 2021
(OR. en)

8530/21

POLGEN 63
INST 176
JUR 260

NOTA PUNT "A"

minn:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)
lil:	Kunsill
Suġġett:	Estensjoni tad-deroga temporanja mir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill

1. Bil-ħsieb li tiġi żgurata l-kontinwità tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Kunsill fiċ-ċirkostanzi eċċezzjonali kkawżati mill-pandemija tal-COVID-19, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2020/430¹ li tintroduċi deroga mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill fir-rigward ta' deċiżjonijiet biex tintuża l-proċedura ordinarja bil-miktub, fejn dawk id-deċiżjonijiet jittieħdu mill-Coreper. Id-Deċiżjoni tipprevedi li tista' tiġġedded, jekk tibqa' tkun iġġustifikata minn ċirkostanzi eċċezzjonali. Dik id-deroga, li inizjalment kienet prevista li ddum sat-23 ta' April 2020, sussegwentement ġiet estiża b'seba' deċiżjonijiet² tal-Kunsill għal perijodi ulterjuri ta' durata limitata. L-aħħar deċiżjoni tal-Kunsill estendiet id-deroga sal-21 ta' Mejju 2021.

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/430 tat-23 ta' Marzu 2020 dwar deroga temporanja mir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill fid-dawl tad-diffikultajiet ta' vvjaġġar ikkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 fl-Unjoni (ĠU L 88 I, 24.3.2020, p. 1)

² Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/556 tal-21 ta' April 2020, id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/702 tal-20 ta' Mejju 2020, id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/970 tat-3 ta' Lulju 2020, id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) °2020/1253 tal-4 ta' Settembru, id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1659 tas-6 ta' Novembru 2020, id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/26 tat-12 ta' Jannar 2021 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/454 tat-12 ta' Marzu 2021.

2. Minħabba li ċ-ċirkostanzi eċċezzjonali kkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 għadhom għaddejjin, jeħtieġ li d-deroga msemmija hawn fuq tiġi estiża għal perijodu limitat ieħor sas-16 ta' Lulju 2021.
3. Fit-12 ta' Mejju 2021, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tad-deċiżjoni tal-Kunsill li testendi ulterjorment id-deroga temporanja mir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill introdotti bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/430, fid-dawl tad-diffikultajiet tal-ivvjaġġar ikkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 fl-Unjoni.
4. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kunsill huwa mistieden jadotta d-deċiżjoni li testendi ulterjorment id-deroga temporanja mir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill introdotta bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/430, fid-dawl tad-diffikultajiet ta' vvjaġġar ikkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 fl-Unjoni, li tinsab fid-dokument 8487/21.
